MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 188/2010

**Il-Pulizija**

**[Supretendent Martin Sammut]**

**vs**

**Gordi Felice**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordi Felice detentur tal-karta tal-identita` numru 289782(M).

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' Settembru 2009 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02.30hrs), gewwa San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkanguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Mark Filletti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Mark Filletti jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat il-fedina tal-imputat li hija kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn hass illi ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(a) Artikoli 49, 50, 214, 215, 218 (1), (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U l-imputat ta’ l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti aggrazzjoni kontra certu Mark Filletti b’xi haga bhal tazza fil-Mink bar f’Paceville. Skont Mark Filletti l-aggressur kien l-imputat li dan ma kienx jafu qabel u skont hu meta Filletti gie biex ibaxxi rasu, dan Gordi Felice tah daqqa ta’ tazza. Mark Filletti kkonferma li la kien jaf lill-imputat qabel u l-anqas kellhom incidenti fil-passat.

Xehed Benjamin Borg Cardona li huwa habib tal-parte civile u li kien ta l-ewwel assistenza lill-istess billi ghamillu ‘butterfly stitches’ f’wiccu. Huwa kkonferma li ma kienx ra l-incident isehh.

Xehed ukoll Wayne Chetcuti li huwa ssib tal-istabbiliment Mink u li kkonferma li lill-imputat kien jafu bhala bniedem li kien jiffrekwenta l-istess stabbiliment u li qatt ma qala' incidenti.

Finalment xehed l-imputat illi rega' kkonferma l-verzjoni li kien ta fl-istqarrija tieghu u cioe` illi meta waslu f'dan il-bar ghall-habta tas-1.30 a.m. huwa u shabu irnexxielhom jaqbzu l-bieb ta' dan il-bar fost ir-rassa li kien hemm u f'daqqa wahda huwa jaqla daqqa go wiccu bil-konsegwenza illi l-imputat xejjer idejh peress li kien qed jaqa' u bil-konsegwenza illi waqalu n-nuccali u nkisirlu. Huwa ma kienx jaf min tah id-daqqa u l-anqas jaf lil min laqat.

Xehed ukoll Gareth Zammit li hu habib ta' Gordi Felice u li kkonferma l-verzjoni tal-fatti tal-imputat. Huwa zied jghid illi huma kienu ghadhom kif jaslu fil-Mink u ma kienux ghadhom dahlu fih meta Gordi gie imbuttat minn xi hadd. Huwa konferma illi lil Gordi rah imwaqqa' mal-art bin-nuccali mal-art ukoll u li wara gew jaghtuh l-assistenza is-'securities' tal-istess Mink.

Illi ghalhekk jidher car illi minghajr l-ebda ta' dubju l-imputat ma kienx l-aggressur ta' dan l-incident izda kien huwa stess vittma ta' xi hadd li kien fl-

istess rassa li kien fiha l-imputat bil-konsegwenza li l-imputat gie mwaqqa' minn xi terza persuna.

Illi l-incident li sehh fuq Mark Filletti min-naha l-ohra ma kienx car, ghalkemm skont Mark Filletti huwa identifika lill-imputat bhala l-aggressur, pero` min-naha l-ohra huwa kkonferma li la qatt ma kien jafu u l-anqas qatt ma kellu xi incidenti mieghu. Illi di piu` hadd mill-hbieb tal-parte civile ma raw l-incident isehh.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti thoss illi l-imputat m'ghandux jigi addebitat reat illi huwa qatt ma wettaq u ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma jirrizultawx.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------